MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1519/2003

**Express Trailers Limited**

**vs**

**Pony Express (Malta) Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Lulju, 2003, fejn intalab li s-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u tmien liri Maltin u zewg centezmi (Lm508.02) rappresentanti somma dovuta bhala noll u servizzi ohra relatati mal-garr ta' merkanzija kif ahjar spjegat fil-fattur anness ma'l-avviz u immarkata bhala Dokument A, leima servizzi gew rezi mis-socjeta attrici fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-fattura (Dokument A) datata 4 ta' Settembru 2002 kontra s-socjeta konvenuta.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-14 ta’ Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ hames mija u tmien liri Maltin u zewg centezmi (Lm508.02), bl-imghaxijiet legali mill-4 ta’ Settembru 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------